MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2004

Appell Civili Numru. 113/2002/1

**Carmelo Stivala**

**vs**

**Trader Marine Yacht Services Limited**

**Il-Qorti,**

Fil-15 ta' Jannar, 2003 il-Bord li Jirregola l-Kera ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Bord,

Ra r-rikors

Illi l-esponenti jikru lill-intimata l-fond 37 Ta' Xbiex Sea Front Msida bil-kera ta' Lm931 kull sitt xhur l-iskadenza li jmiss jaghlaq fil-5 ta' Marzu, 2003.

Illi l-imsemmija intimata mhiex qieghda tuza dan il-fond skond id-destinazzjoni tieghu u ghal zmien twil zammietu maghluq, liema ragunijiet jintitolaw lis-sidien jirriprendu l-pussess vojt tal-istess fond.

Illi inoltre s-socjeta` intimata naqset li thallas l-iskadenzi tal-kera li ghalqu fil-5 ta' Settembru 2002 u dan minkejja diversi interpellazzjonijiet.

Ghaldaqstant l-esponenti bir-rispett kollu jitolbu li dan il-Bord joghgbu jawtorizzahom sabiex jirriprendu l-pussess battal tal-imsemmi fond 37 Ta' Xbiex Sea Front Msida fi tmiem il-lokazzjoni korrenti, u ghaldaqstant jordna l-izgumbrament tal-intimata mill-imsemmi fond.

Sema' x-xhieda ta' Michael Stivala.

Ra l-atti u d-dokumenti.

Ra li ghas-seduta ta' llum is-socjeta` intimata ma pprezentatx risposta fir-Registru u lanqas deher hadd ghaliha fis-seduta.

Ra l-art 30 tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta.

Jilqa' t-talba tar-rikorrent u jawtorizzah jirriprendi pussess tal-fond 37, Ta' Xbiex Sea Front, Msida wara l-iskadenza tal-5 ta' Marzu, 2003; l-ispejjez jithallsu mis-socjeta` intimati."

Is-socjeta` intimata appellat mis-sentenza moghtija mill-Bord fil-konfront taghha billi, apparti konsiderazzjonijiet fil-meritu, l-Bord ma hax konjizzjoni tar-risposta taghha ghar-rikors interpost. Dan hu l-qofol tal-aggravju principali taghha.

Mill-atti processwali jirrizulta illi l-kawza kienet appuntata l-ewwel dehra ghas-smigh ghall-15 ta' Jannar 2003. F'din l-udjenza deher Michael Stivala li xehed u l-kawza giet deciza dakinhar stess b'applikazzjoni tal-Artikolu 30 tal-Kap 69.

Issa jirrizulta illi effettivament is-socjeta` intimata kienet introduciet risposta ghar-rikors promotur fl-10 ta' Dicembru 2002 (fol 7) izda mbaghad, kif jinsab dikjarat f'nota spjegattiva ta' ufficjal tal-Qorti (fol 8) din ma ddahhletx fil-process u ghalhekk ma ngiebetx ghall-attenzjoni tal-Magistrat sedenti.

Gja kellha okkazjoni din l-istess Qorti tippronunzja ruhha f'kawza b'fattezzi konsimili ghal dawk tal-kaz odjern dwar il-portata tal-Artikolu 30 tal-kap imsemmi.

Hekk fid-decizjoni fl-ismijiet "**Johnny J. Company Limited –vs- Carmel sive Charles Falzon pro et noe**", 20 ta' Ottubru 2003, din il-Qorti kienet hemm irrimarkat illi hi kienet sodisfatta illi l-appellanti ma kienx in kolpa b'xi agir volontarju tieghu. "Fil-verita` l-amministrazzjoni tal-gustizzja giet imfixkla bi traskuragni jew b'indifferenza ta' min kien responsabbli mill-atti fir-Registru". Ghall-motivi hemm dedotti kienet laqghet l-appell billi annullat u hassret is-sentenza tal-Bord.

F'dan il-kaz din il-Qorti behsiebha ssegwi l-istess linja billi hu lampantement ovvju illi risposta kien hemm prezentata kif hekk proprju jikkontempla t-tieni parti ta' l-Artikolu 30. Risposta li l-Bord kien obbligat jiehu konsiderazzjoni taghha u li dan ma sarx mhux tort tal-Bord u wisq anqas tal-appellanti li debitament irregistrat l-opposizzjoni taghha ghat-talba <u>qabel</u> l-ewwel jum tas-smiegh.

Ghal dawk l-istess motivi referenzjati fid-decizjoni appena msemmija, din il-Qorti tannulla u thassar is-sentenza appellata u b'hekk tirrimetti l-atti lura lill-Bord ghas-smiegh mill-gdid tal-kawza.

In vista tac-cirkostanzi partikolari l-ispejjez ta' dan l-incident jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Onor. Imhallef Philip Sciberras LL.D.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------